# IL-FKIEREN TAL-BAĦAR

*Alfred E. Baldacchino*

Il-fkieren tal-baħar huma rettili li jqattgħu kważi ħajjithom kollha fil-baħar. Bħar-rettili l-oħra kollha, dawn żviluppaw fuq l-art imma wara eżistenza ta' madwar 90 miljun sena fuq l-art reġgħu daru għall-ħajja fil-baħar. Biex ikunu addattati għall-baħar, il-fkieren għandhom is-swaba' mwaħħlin ma' xulxin b'rita, qishom imqadef. Dawk ta' wara jservuhom bħala tmun. Huma żviluppaw wkoll glandoli madwar għajnejhom biex ineħħu l-melħ żejjed li jassorbu mill-ilma baħar. Xi nies jaħsbuhom qed jibku meta jinqabdu. Il-qoxra ta' daharhom hija ċatta biex tnaqqqas ir-reżistenza fl-ilma. Fil-fatt il-fkieren jistgħu jgħumu b'ħeffa kbira, kemm biex jaqbdu l-priża kif ukoll biex jaħarbu mill-periklu. Għalkemm jgħixu fl-ilma, il-fkieren xorta waħda jridu jitilgħu f'wiċċ l-ilma biex jieħdu n-nifs.

Fid-dinja baqa' jgħixu seba' speċi differenti biss ta' fkieren tal-baħar. Bħar-rettili l-oħra kollha, il-fkieren tal-baħar iridu jbidu l-bajd tagħhom fuq l-art. Il-fekruna mara tiġi mgħammra mir-raġel waqt l-għawn, imbagħad din tfittex xatt ramli u bil-lejl toħroġ mill-ilma. Bi sforzi kbar titla' fuq ir-ramel f'postijiet li ma jintlaħqux mill-mewġ tal-baħar. Bil-pali ta' jdejha tħaffer ħofra fonda u wiesgħa u ġo fiha tbid il-bajd. Dan tgħattih bir-ramel kemm biex ikun moħbi kif ukoll biex jibqa' frisk. Wara li tkun lestiet terga' lura lejn il-baħar. Il-fekruna tbid xi tliet darbiet, u b'kollox tagħmel ma' l-1000 bajda fi staġun wieħed. Wara xi tliet xhur, mill-bajd ifaqqsu u joħorġu fkieren żgħar li jiżnu anqas minn 28 gramma. Dawn joħorġu mir-ramel matul il-lejl u jerħulha tul ix-xatt lejn il-baħar. Imma t-triq sal-baħar hija mimlija perikli. Uħud jittieklu mill-granċi, filwaqt li għedewwa oħra, bħal xi tajr tal-baħar u tax-xtut, ikomplu jaqbdu minn dawn il-fkieren iż-żgħar fi triqithom lejn il-baħar. Dawk li jirnexxilhom jaħarbu l-perikli ta' fuq l-art jaslu sal-baħar. Imma anke hawn m'humiex salvi għal kollox għax anke fil-baħar iħabbtu wiċċhom ma' ħafna għedewwa oħra, fosthom il-klieb il-baħar. Jaħsbu li minn kull mija li jfaqqsu waħda biss jirnexxilha tgħix.

F'Malta b'kollox dehru erba' speċi ta' fkieren. Waħda minnhom intlemħet darba biss. Din kienet il-Fekruna ta' Ridley. L-oħrajn, jiġifieri l-Fekruna l-Ħadra u l-Fekruna s-Sewda, huma kemxejn aktar komuni fl-ibħra Maltin. Iżda bla dubju ta' xejn l-aktar waħda komuni hija l-Fekruna Komuni. Din tiekol granċi, krustaċi oħra, sponoż, bram, xi molluski u xi mindaqqiet anke alka.

Il-Fekruna Komuni tinstab fl-ibħra tad-dinja kollha. Ġeneralment tinstab viċin il-blata kontinentali, ħafna drabi




FEKRUNA ĦADRA




FEKRUNA KOMUNI





A. E. Baldacchino

▲
*IL-FEKRUNA KOMUNI – darba kienet tbejjet fil-gżejjer Maltin.*

◀
*IL-FEKRUNA TAL-BAĦAR – Stiker ta' l-SSCN favur il-Ħarsien tal-Fkieren tal-Baħar.*

Iżda anke din il-fekruna qiegħda tonqos mad-dinja kollha. Ir-raġunijet huma ħafna. Fost dawn insibu li ħafna mix-xtut bir-ramel, speċjalment fil-Mediterran fejn dawn il-fkieren kienu jbidu, qed jiġu żviluppati għat-turisti. Biżżejjed ngħidu li darba din il-fekruna kienet tbid anke fir-Ramla l-Ħamra f'Għawdex. Illum kemm minħabba d-dwal qawwija li jinxtegħlu bil-lejl, kif ukoll minħabba l-ħafna attivita fuq ix-xatt minn nies Maltin u barranin, dan ma għadux possibbli.

F'ċerti pajjiżi anke l-bajd tal-fkieren huwa mfittex għall-ikel, kemm min-nies kif ukoll minn xi annimali. Dan ukoll huwa ta' periklu għan-numru u għall-eżistenza tal-fkieren. Jekk il-bajd jirnexxilu jfaqqas, il-fkieren iż-żgħar jgħaddu minn perikli oħra, kif rajna. Barra minn hekk ħafna minn dawn il-fkieren, meta jikbru, jinqabdu min fil-konzijiet u min fix-xbiek tas-sajjieda. Ta' l-ewwel jeħlu mas-snanar; l-oħrajn imutu bla arja meta jinqabdu fix-xbiek u ma jkunux jistgħu jitilgħu fil-wiċċ l-ilma għan-nifs. Dawn kollha jittellgħu l-art, u dawk li ma jkunux mejta jitħallew imutu fuq daharhom bil-mod il-mod. Uhud jinbiegħu għall-ikel; oħrajn jinbiegħu għall-qoxra ta' daharhom. Dawn il-perikli kollha qed jgħinu biex il-fkieren jonqsu bil-ftit il-ftit. Jekk ma jingħatawx iċ-ċans, allura jintilfu darba għal dejjem. Għalhekk kien hemm bżonn li l-fkieren tal-baħar jiġu protetti hawn Malta bħalma huma protetti f'ħafna pajjiżi oħra.

Dan l-aħħar saru diversi kampanji favur il-ħarsien tal-fkieren, u ġie ppubblikat ħafna materjal mis-soċjetajiet għall-ħarsien ta' l-ambjent, b'tagħrif popolari fuq dawn il-fkieren. Fosthom is-Soċjetà għall-Istudju u l-Ħarsien tan-Natura ppubblikat stiker u 'T-shirt' li jappellaw għall-ħarsien ta' dawn ir-rettili tal-baħar. Din il-kampanja mis-Soċjetà għall-Istudju u l-Ħarsien tan-Natura, bl-appoġġ ta' għaqdiet oħra, qajmet kuxjenza pubblika tant li l-fkieren tal-baħar ġew imħarsa bil-liġi fil-gżejjer Maltin. Dan seħħ permezz ta' Avviz Legali numru 76 tal-1992 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Awwissu, 1992, u li jiġbor fih regolamenti ghall-ħarsien tar-rettili. Flimkien miegħu, deher Avviz Legali numru 77 tal-1992 li jipproteġi l-mammiferi tal-baħar. Bis-saħħa ta' dawn iż-żewġ Avvizi Legali, issa l-fkieren u d-dniefel kollha li jidhru fl-ibħra tal-gżejjer Maltin huma kollha mħarsa bil-liġi. Barra minn hekk bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti, ir-rettili kollha li jinstabu fil-gżejjer Maltin, kif ukoll il-Bumerin, huma wkoll imħarsa bil-liġi.

Dawn ir-regolamenti tfasslu b'inizjattiva bejn il-Ministeru ta' l-Ambjent u l-Ministeru ta' l-Ikel, Agrikoltura u Sajd. Lis-Soċjetà għall-Istudju u l-Ħarsien tan-Natura – SSCN – kienu talbuha tikkummenta fuq dawn ir-regolamenti waqt li dawn kienu qed jitfasslu.

Permezz ta' dawn ir-regolamenti, il-futur tal-fkieren tal-baħar fl-ibħra tal-gżejjer Maltin ser ikun wieħed ta' aktar tama għal dawn ir-rettili tal-baħar. ❑